MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 18/2008

**Josephine Vella u John Mizzi**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

L-atturi huma nginiera li jahdmu mal-Korporazzjoni. Permezz ta’ din il-kawza kienu qeghdin jitolbu hlas ghal xoghol *on call* li jaghmlu mal-Korporazzjoni, bl-istess rata li jithallsu inginiera f’Malta skond il-Ftehim Kollettiv li japplika ghall-membri tal-Professional Officers’ Union.

B’sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Marzu 2010 giet konfermata s-sentenza li nghatat minn din il-qorti fl-24 ta’ Lulju 2009. B’dik is-sentenza l-qorti kienet cahdet l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni u kkonfermat li ghal *on call duties* l-atturi kellhom dritt li jithallsu skond ir-rati ta’ hlas stipulati fil-Ftehim Kollettiv.

Wara li l-kawza kienet regghet giet appuntata ghas-smiegh l-atturi ressqu l-provi dwar il-hlas li kien dovut lilhom. L-attrici ppretendiet hlas ta’ €24,765.41 filwaqt li l-attur is-somma ta’ €41,929.20. Il-Korporazzjoni qablet ma’ dawn l-ammonti tant li fis-seduta tal-lum sar il-hlas permezz ta’ zewg cekkijiet. Madankollu ma sarx ftehim dwar il-kap tal-ispejjez. Min-naha tieghu d-difensur tal-atturi pprezenta nota ghan-nom tal-atturi li permezz taghha rrinunzjaw ghall-meritu izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez.

M’hemmx dubju li peress li rrizulta li fil-meritu t-talbiet tal-atturi kienu gustifikati, l-ispejjez gudizzjarji ghandha taghmel tajjeb ghalihom il-Korporazzjoni Enemalta.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tikkundanna lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex thallas l-ispejjez gudizzjarji kollha relatati ma’ din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------